MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 34/2002/1

**Attard & Co Limited**

**Vs**

**MA Supermarkets Limited**
**u Michael Debono**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta' attrici fil-15 ta' Jannar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettiet:

1. Illi s-socjeta' M A Supermarkets Limited xtrat minghand is-socjeta' attrici ammont ta' merkanzija konsistenti principalment f'*foodstuffs* izda ma hallsitx ghal dina l-merkanzija;

2. Illi l-konvenut Michael Debono li huwa wkoll direttur fis-socjeta' konvenuta M A Supermarkets Limited kien obbliga ruhu mas-socjeta' attrici li jhallas id-dejn li kellha s-socjeta' M A Supermarkets Limited mas-socjeta' attrici;

3. Illi ghal dan il-ghan u in ezekuzzjoni ta' dina l-weghda, il-konvenut Michael Debono personalment lahaq hareg diversi *cheques* favur is-socjeta' attrici ghall-ammont globali ta' hdax-il elf, disa' mija wiehed u disghin lira u erbatax-il centezmu (Lm11,991.14) kif jidher mill-kopji taghhom Dok A sa Dok F datati mis-7 ta' Novembru 2000 sas-7 ta' Mejju 2001 liema *cheques* ma ssarfux meta gew prezentati l-bank minhabba nuqqas ta' fondi;

4. Illi ghalhekk il-konvenuti huma debituri solidali ta-socjeta' attrici ghal dan l-ammont ta' Lm11,991.14;

Talbu ghalhekk l-atturi ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi tikkundanna lill-konvenuti kollha solidalment bejniethom:

1. Ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm11,991.14 bilanc ta' somma akbar valur ta' merkanzija mixtrija mis-socjeta' M A Supermarkets Limited liema ammont obbliga ruhu il-konvenut Michael Debono personalment li jhallas.

Bl-ispejjez u bl-imghax b'effett mis-7 ta' Mejju 2001 (data tal-ahhar *cheque* mahrug favur is-socjeta' attrici) kontra l-konvenuta solidalment bejniethom ingunti in subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Debono li in forza taghha ecepixxa:

1. Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-somma mitluba m'hijiex dovuta minn l-eccipjenti billi qatt ma kien sar negozju bejn l-attur u l-esponenti propju u kwindi l-esponenti m'ghandu l-ebda lokus standi f'dina l-kwistjoni;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat li is-socjeta' konvenuta M A Supermarkets Limited, ghalkemm notifikata bl-att tac-citazzjoni, baqghet ma resqetx Nota tal-Eccezzjonijiet u b'hekk waqghet fil-kontumacia;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi s-socjeta' attrici hija *wholesale importer* u *distributor* ta' diversi prodotti tal-ikel fis-suq lokali, u s-socjeta' konvenuta kienet wahda mill-klijenti regolari taghha li kienet tixtri diversi merkanzija ghal-bejgh lill-konsumatur fis-*supermarkets* taghha. Is-socjeta' konvenuta kellha *60 days credit* ghall-hlas tal-prodotti li hi tixtri minghand is-socjeta' konvenuta, izda jidher li din mill-ewwel waqghet lura fill-hlasijiet, tant li kif xehed il-*Credit Controller* tas-socjeta' attrici, hu kien ta' sikwit icempel lill-Michael Debono, id-direttur tas-socjeta' konvenuta, u jitolbu pagament, izda d-dejn baqa' jitla' sa kemm lahaq is-somma ta' Lm16,000.

Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' Lm11,991.14 peress li s-socjeta' attrici qed tallega li ghal din is-somma, id-direttur tas-socjeta' konvenuta, Michael Debono, dahal garanti personali ghar-rifusjoni ta' dan l-ammont u dan billi iffirma cekkijiet personali ghal dan l-ammont. Kemm Alan Muscat, il-*Credit Controller* tas-socjeta' attrici, kif ukoll Pierre Pellegrini Petit, *Manager* tal-*foodstuffs division*, ikkonfermaw li, f'laqgha li kellhom mas-Sur Debono, dan kien weghdhom li se jhallas il-bilanc b'*cheques* personali fuq *account* iehor. Dawn ic-*cheques*, fil-fatt, inhargu

f'daqqa, izda b'data differenti, u huma kollha *cheques* ta' "*M A Supermarkets A/C Purchasing*". Is-socjeta' attrici qed tghid li dawn ic-cekkijiet – li kollha gew *referred to drawer* u ma ssarfux – m'humiex hlasijiet tal-kumpanija ghax m'hemmx l-indikazzjoni "*Limited*" wara l-kliem "M A Supermarkets" u, ghalhekk, jikkonfermaw l-obbligazzjoni personali li assuma Michael Debono.

Il-konvenut, Michael Debono, min-naha tieghu, jichad li hu qatt iddikjara li kien se jassumi personalment id-dejn tal-kumpanija, izda jghid li fil-laqgha li kellu mar-rappresentanti tas-socjeta' attrici, hu kien qalilhom li l-kumpanija kienet se tghalaq kont li kellha f'*branch* partikolari tal-Bank of Valletta, u kienet se tiftah kont gdid f'*branch* iehor biex tkun tista' tkompli tahdem. Ic-*cheques* ma nhargux fuq ismu, izda fuq isem il-kumpanija mill-kont li kellha l-kumpanija fil-Bank of Valletta, u bil-fatt li l-kumpanija M A Supermarkets ma gietx indikata bhala "*Limited",* (li kien, skond hu, zball minn naha tal-Bank), ma jwassalx ghall-fatt li l-kont kien tieghu personali la darba, bhala fatt, kien kont tal-kumpanija.

Ghar-rigward tas-somma reklamata, din ma giet bl-ebda mod kontestata, u lanqas ma gie kontestat li dan id-dejn huwa dovut mis-socjeta M A Supermarkets Limited bhala li jirrappresentaw il-bilanc tal-prezz tal-merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata. Il-kontestazzjoni tirreferi ghal-allegazzjoni tas-socjeta' attrici li Michael Debono huwa personalment debitur solidali mas-socjeta' ghal-hlas tad-dejn.

Issa, skond il-ligi – ara artikolu 1233(1)(c) tal-Kodici Civili – il-garanzija, biex tkun valida, trid tirrizulta bil-miktub u dan taht piena ta' nullita'. Pero', kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bartolo vs Vigo" deciza fis-7 ta' Gunju, 1929, (Vol. XXVII.1.817) "*l'assunzione del debito per parte di un terzo e' una figura giuridica diversa dalla fidejussione, poiche', chi assume un debito si obbliga in via principale, a differenza del fidejussore. Essa e' anche diversa dalla novazione siccome non importa necessariamente la liberazione del debitore"*.

Dan il-kuncett ta’ assunzjoni ta’ dejn ta’ haddiehor mhux mehtieg li jirrizulta minn kitba, u jista’ jigi pruvat bil-mezzi kollha li tippermetti l-ligi, pero’, tali prova trid tkun cara, certa u konkludenti. Il-fatt li persuna, per ezempju, tofri biex thallas dejn ta’ haddiehor, ma jfissirx li dik il-persuna assumiet dak id-dejn hi. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza “Zammit vs Frendo Azzopardi” deciza fl-14 ta’ Mejju, 1943, “biex ikun hemm il-figura guridika ta’ assunzjoni ta’ dejn hemm bzonn li l-obbligazzjoni ta’ hadd iehor jaghmilha tieghu min jassumiha. Il-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta’ dejn, la mhux tieghu, ma jfissirx li huwa assuma dak id-dejn”.

F’dan il-kaz, ma jirrizultax li l-konvenut Michael Debono assuma personalment li jhallas id-dejn tal-kumpanija. Ma jirrizultax preciz x’diskors sar waqt il-laqgha li kellhom il-partijiet. Il-konvenut jichad kategorikament li hu assuma personalment li jhallas id-dejn tal-kumpanija. Ghalkemm ir-rappresentanti tas-socjeta’ attrici jghidu li Michael Debono weghdhom *cheques* personali, fil-fatt, meta ircevew ic-cekkijiet li ma kienux personali tas-Sur Debono, huma tefghawhom fil-kexxun u ma tkellmu xejn. Kieku veru gew imweghda *cheques* personali, kienu mil-ewwel jirrimarkaw mas-Sur Debono li c-*cheques* li ppresentawlhom ma kienux kif imweghda; kull ma ghamlu, pero’, kien li poggewhom fil-kexxun u ma tkellmu xejn, lanqas meta s-Sur Debono qalilhom biex jistennew ftit qabel ma jiddepozitawhom.

Ic-*cheques*, kif inghad, m’humiex personali tas-Sur Debono. Veru li ma gietx inkluza l-kelma “*Limited*” wara l-isem M A Supermarkets, pero’, dan ma jfissirx li c-cekkijiet kienu tas-Sur Debono personalment. *Se mai*, dawk ic-cekkijiet jista’ jinghad li jappartienu ghan-negozju li jitmexxa taht l-isem M A Supermarkets bhala *trade name*, imma bhala fatt ma jirrizultax li jezisti tali negozju, u l-uniku negozju li jezisti b’dak l-isem huwa tal-kumpanija M A Supermarkets Limited. Is-Sur Debono la ghandu negozju personali u lanqas ma jiggestixxi negozju taht l-isem tad-ditta M A Supermarkets, u r-responsabbilita’ personali tieghu ma tistax tigi inferita mill-fatt li, fuq *cheques* minnu mahruga, ma tnizzlitx il-kelma “*Limited*”

wara l-isem tal-kumpanija. Anke l-fatt li c-cekkijiet jindikaw "*a/c purchase*", juri li dawk ma kienux personali tas-Sur Debono izda ta' xi negozju tieghu. L-uniku negozju li jirrizulta li s-Sur Debono kien jiggestixxi hija tramite l-kumpanija M A Supermarkets Limited, u c-cekkijiet inhargu fuq il-kont ta' dik il-kumpanija.

Kif inghad, jehtieg li jkun hemm provi aktar cari qabel ma l-Qorti tikkonkludi li persuna individwali assumiet fuq isimha dejn ta' haddiehor. Fil-kawza "Catania vs Engerer" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April, 1988, l-attur kien allega li l-konvenut huwa wkoll personalment responsabbli ghad-dejn tal-kumpanija peress li kien hu li iffirma ghall-ordni. Il-Qorti qalet li, mhux biss garanzija trid tirrizulta bil-miktub, izda l-firma tal-konvenut mhux bizzejjed biex hi tikkonkludi li assuma xi obbligazzjoni personalment.

Id-dejn, hu car, kien tal-kumpanija, u ma hemm ebda prova konkludenti li l-konvenut Michael Debono assuma personalment dak id-dejn. Dan ma jfissirx li hu bhala Direttur, ma jistax jinstab personalment responsabbli ghad-dejn tal-kumpanija jekk, fi proceduri ghall-istralc tal-kumpanija jirrizulta xi *wrongful* jew *fraudulent trading* da parti tieghu taht l-ligi tal-Kumpaniji. Din, pero', mhix kwistjoni li hi l-meritu ta' din il-kawza u, kwindi, ma tistax tigi trattata f'din il-kawza. Ghall-fini ta' din il-kawza, il-kawzali tas-socjeta' attrici li Michael Debono huwa "debitur solidali" mas-socjeta' konvenuta ma gietx pruvata u ma tistax tintlaqa'.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut Michael Debono u tichad it-talba attrici fil-konfront tieghu, izda tilqa' it-talba attrici fil-konfront ta' M A Supermarkets Limited u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta M A Supermarkets Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm11,991.41 (hdax-il elf disa' mija u wiehed u disghin lira maltin u wiehed u erbghin centezimu), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni u cioe', mill-15 ta' Jannar, 2002, sal-pagament.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta M A Supermarkets Limited, hlief ghal-dawk relattivi ghall-konvenut Michael Debono li ghandhom jithallsu nofs mis-socjeta' attrici u nofs minn Michael Debono stess.

--------------------------------TMIEM--------------------------------